MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 418/2008

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Settembru 1972; li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien ivvizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara l-qbil tieghu li z-zwieg huwa null, jichad kull responsabbilita';

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-28 ta' Settembru 1972 huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citat.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel mat-talba attrici, izda jikkontesta r-responsabbilita' tieghu.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Settembru 1972 meta allura l-attrici kellha sittax [16]-il sena, u l-konvenut kellu tlieta u ghoxrin [23] sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sena. Wara ghaxar snin ta' konvivenza matrimonjali, twieled it-tifel tal-partijiet fid-29 ta' Mejju 1982. Wara konvivenza matrimonjali ta' hamsa u ghoxrin [25] sena, il-partijiet isseparaw de facto.

Illum l-attrici qeda f' relazzjoni stabbli ma' ragel iehor li ilha ghaddejja circa tmien [8] snin.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li qabel ma zzewwgu huma kienu ilhom johorgu flimkien ftit aktar minn sena. Hija zzewwget zghira, ta' sittax-il sena, peress li ommha kienet regghet izzewwget u l-attrici kienet ser tibqa' waheda; u ghalhekk izzewwget lill-konvenut, li kienet saret thobb, fi zmien qasir.

L-attrici tghid li matul l-korteggjament il-konvenut kien jidher li kien ragel kwiet hafna, bil-kemm jitkellem. Hija pero’ ma tantx kienet taf fuqu, anke peress li, filwaqt li hi kienet toqghod il-Belt hu kien joqghod l-Imqabba, u f’ dak iz-zmien il-mezzi ta’ trasport u ta’ kommunikazzjoni ma kienux bhal dawk tallum. Tghid li kienu jiltaqghu darbtejn jew tlieta fil-gimgha, kienu jinnamraw, u mbaghad il-konvenut jitlaq. Tghid pero’ li meta zzewwgu huma t-tnejn kienu jahdmu ma’ l-stess fabbrika, izda wara z-zwieg, peress li l-konvenut kien jiehu hafna sick leave, huma kienu baghtuh. Dan kien circa sena wara z-zwieg.

L-attrici tghid li ftit wara z-zwieg hija skopriet li l-konvenut kien ibaghti minn dipressjoni. Il-konvenut kien jorqod hafna matul il-gurnata u kien jevita li jmur ghax-xoghol, bir-rizultat li qatt ma’ zamm impieg jew xoghol fit-tul. Ghalhekk kien jahdem ‘on and off’. Tispjega li meta jkun dipressat, il-konvenut kien ikun “Nervuz hafna, jghajjat, jidghi dagha faghxi .. minn x’ hin jisbah sa ma jidlam, jidghi biss dan ir-ragel..”[1]

Tghid li minhabba li zewgha kien ghazzien u wkoll marid, l-oneru kollu tal-familja kien waqa’ fuqha; izda hija xorta riedet li jkollha tfal fiz-zwieg; fi kliemha: “kont inhobbu , u dejjem nittama li nohrog tqila, ghax tfal dam ma kellna, u kont nghid li bit-tfal fors jirranga...”[2] Tghid li minn naha tieghu l-konvenut fil-bidu li zzewwgu hu ma riedx tfal ghax kien jighdilha li kienet ghadha zghira.

L-attrici tghid li l-konvenut gieghli refa’ idejh fuqha, u li l-hamsa u ghoxrin sena konvivenza kienu “martirju shih” ghaliha.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jikkonferma li huma kienu zzewwgu meta l-attrici kienet ser tispicca tghix waheda minhabba li ommha kienet regghet izzewwget; li huma kienu ilhom johorgu flimkien circa tmien xhur, u li f’ dak iz-zmien huwa kien jahdem mal-kuntrattur f’ barriera.

---

[1] Fol.57
[2] Fol.47

Il-konvenut isostni li fl-ewwel hames [5] snin fil-konvivenza matrimonjali ma kienx hemm problemi, u li hu kien baqa' jahdem mal-kuntratturi. Jghid li s-sitwazzjoni matrimonjali kienet tajba sakemm l-attrici dahhlitu l-Isptar Monte Carmeli, u wkoll ghamel operazzjoni f' qalbu. Jghid li l-attrici riedet li tizzewgu ghax kienet "ferhana mieghi"[3], jizda jammetti li kien hemm ftit pressjoni minn naha ta' omm l-attrici sabiex jizzewwgu.

Il-konvenut jichad li kien ikun imdejjaq qabel iz-zwieg, u li wara z-zwieg kien iqatta' hafna zmien fis-sodda u li kien jirrifjuta li jahdem, jew li l-piz kollu fiz-zwieg kien waqa' fuq l-attrici. Jichad li ma kienx ried tfal fil-bidu taz-zwieg, u jsostni li kien hadha bil-kbira meta l-attrici ma setghetx tinqabad tqila.

*Xhieda Medici*

Illi f' dan il-kaz xehedu diversi specjalisti fil-psikjatra dwar l-kondizzjoni mentali tal-konvenut, kemm b' referenza ghaz-zmien prezenti, ghaz-zmien li jirrizali sas-sena 1995 u anke ghaz-zmien li jirrizali tas-sena 1973; u l-Qorti thoss li dawk relevanti ghall-finijiet ta' l-ezami odjern huma l-Konsulenti Psikjatri Dottor Joseph Saliba u Dottor David Cassar.

Il-Konsulent Dottor Joseph Saliba jghid li l-involviment tieghu beda fis-sena 1995, u kkonferma li f'dak iz-zmien il-konvenut kien qed isofri minn depression "gravi"[4] wara li kien ghamel operazzjoni f' qalbu. Rigward iz-zmien precedenti, u cioe' qrib id-data taz-zwieg, ix-xhud jghid li mir-records medici jirrizultalu li hemm notament li juri li l-konvenut "kellu xi depression fin-1973, imma hawnhekk qed nitkellem mill-file biss."[5] Ix-xhud jikkonkludi d-depozizzjoni tieghu hekk: "M' ghandi l-ebda raguni biex niddubita dak li raw it-tobba qabli, jigifieri ma' nistax nixhed fuq is-sena 1973. Mill-banda' l-ohra ma' ghandi l-ebda raguni ghax nahseb li dawk it-tobba kienu zbaljati fid-dijanozi taghhom, jigifieri prima facie l-indikazzjoni hija

[3] Fol.493
[4] Fol.482
[5] Fol.480

li, almenu mis-sena 1973, kien rikonoxxut, kien maghruf bhala pazjenti li ghandu xi forma ta' mental disorder, most likely depression."[6]

Il-Konsulent Dottor David Cassar jitfa' aktar dawl fix-xhieda tieghu dwar l-istat mentali tal-konvenut fiz-zmien taz-zwieg. Huwa jghid li dan kien gie that il-kura tieghu fl-4 ta' Gunju 1998, u jirreferi ghan-notamenti li sab fir-records medici fejn hemm indikat li fis-sena 1973 huwa kien gie riferut l-Isptar minhabba depression mit-tabib tal-familja tieghu.

Dan ix-xhud jghid hekk: "Allura meta jiena kont qed narah jien, kien jimmanifesta a very large range of symptoms fil-kuntest tad-disorders tieghu …. fil-gudizzju tieghi nemmen li [il-konvenut] ilu jbati b' depression u bi problemi ta' mgieba minhabba d-depression tieghu, u minhabba l-karattru tieghu ghal snin twal hafna, hafna, u nemmen li minn qabel iz-zwieg .. is-sena 1972"[7]

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Illi l-kawzali l-izjed relevanti ghall-kaz in dizamina huma dawk bazati fuq id-dispost tal-paragrafi [c] u [d] ta' l-artikolu precitat; filwaqt li l-kawzali bazata fuq il-paragrafu [f] manifestament ma tirrizultax, stante li mill-provi jirrizulta pacifiku li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, iz-zewg partijiet riedu jizzewwgu lil xulxin.

*Kwalita' Inerenti – para.[c]*

Illi sabiex jissussisti l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [c], jehtieg li jigu pruvati kemm l-ezistenza ta' xi kwalita' inerenti fil-konjugi li mix-xorti taghha fixklet serjament il-hajja mizzewwga, kif ukoll il-qerq da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

Illi dwar l-ezistenza ta' l-ewwel ingredjenti, dik relattiva ghall-kwalita' inerenti fil-konvenut, il-Qorti hija tal-fehema li l-provi juru sodisfacentement, albeit fuq bazi ta'

[6] Fol.484
[7] Fol.444

probabbilita', li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut kien diga' jbati mill-marda tad-depressjoni.  Kemm il-komportament tieghu waqt l-gherusija kif deskritt mill-attrici, wkoll il-komportament tieghu waqt il-konvivenza matrimonjali, u, b' izjed qawwa, ix-xhieda tal-Konsulenti Psikjatri jikkonfortaw din il-konkluzzjoni.

Illi mill-provi jrrizulta wkoll li din il-marda da parti tal-konvenut kienet ta' tfixkil serju ghal-hajja mizzewwga bejn il-partijiet, fis-sens li l-konvenut kien rrizulta nkapaci li jassumi l-obbligi matrimonjali, senjatament dawk naxxenti minn unjoni bazata, inter alia, fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, u t-trobbija tat-tfal.  Dan il-komprtament tieghu kien ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jibnu bejniethom kommunjoni ta' hajja u mhabba. Ix-xhieda tat-tifel tal-partijiet tati konfort shih lit-tezi attrici li l-oneru tal-familja kien waqa' kollox fuqha minhabba l-imgieba tal-konvenut, kif ukoll in-nuqqas ta' hegga tieghu ghax-xoghol.  Inoltre, il-konvenut kien jillitiga hafna ma' l-attrici, kien jghajjat u jitkellem hazin.

Illi rigward l-ingredjenti ta' l-ingann il-Qorti, in tema legali, taghmel referenza ghall-kawza *App. Louis Agius vs Georgia Agius – 19.10.1988* fejn gie osservat li "Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' moral substitution li kif spjegat mill-awturi  din tissussisti when the quality is [1] an inherent proprety of the person, and not some isolated past action; [2] present at the time of the wedding; [3] [3] grave, either objectively or subjectively; [4] unknown to the other party; [5] fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent; and [6] lastly, the quality must provoke a crisis on discovery, as otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial" [Wrenn – "Annullment"]

Illi fil-kaz in dizamina tenut kont tal-fatt li l-partijiet izzewwgu fl-ahhar ta' Settembru 1972, u mir-records ta' l-Isptar jirrizulta li dana diga' kien gie ccertifikat li kellu depression fis-sena 1973, huwa ferm improbbabbli li l-konvenut ma kienx konxju tal-kondizzjoni mentali tieghu meta dana zzewweg lill-attrici li, dak iz-zmien, ghalkemm

kienet ghadha zghira kienet innotat li l-konvenut kien reticenti hafna. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehema li t-tezi attrici tissodisfa l-grad ta' prova rikjest fid-dritt civili, u li hi fis-sens li, minkejja li l-konvenut kien konxju tal-kondizzjoni tieghu qabel iz-zwieg, huwa naqas li jinforma lill-attrici b' din il-marda tieghu, bir-rizultat li ftit wara z-zwieg l-attrici skopriet li l-konvenut, allura zewgha, kellu kondizzjoni mentali li, kif jirrizulta car mill-provi, fixklet serjament il-hajja matrimonjali tal-partijiet;  u hawn jezisti l-ingann da parti tieghu fil-konfront ta' l-attrici, allura gharusa tieghu.

*Discretio Judiciis – para.[d]*
Illi l-Qorti tosserva f' dan ir-rigward, li, ghalkemm l-attrici kienet ghadha zghira meta zzewwget lill-konvenut, hija kellha l-eta' rikjesta mill-ligi sabiex tikkuntratta zwieg, u ghalhekk il-ligi tipprezuma li f' dik l-eta' hija kellha l-maturita' sufficjenti sabiex tidhol fiz-zwieg, liema prezunzjoni hija wahda juris tantum ribattibbli bi provi li juru l-kuntrarju.

Illi fil-kaz in dizamina, ma jirrizulta xejn li jdghajjef il-kunsens matrimonjali ta' l-attrici f' dan ir-rigward. Ma rrizultax li dina ma kellhiex certu 'dixxerniment' tal-hajja konjugali; anzi l-provi juru proprju l-invers, u cioe' li dina kienet konsapevoli ta' l-obbligi essenzjali matrimonjali, u kkonviviet ghal snin twal fil-hajja matrimonjali mal-konvenut, nonostante d-diffikultajiet li rriskontrat minhabba l-marda tieghu, kellha tifel fiz-zwieg li l-oneru tat-trobbija tieghu waqa' fuqha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Settembru 1972.

Spejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------